XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.32 (Tnejn u Tletin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill it-Tnejn, 23 t'April, 2012 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Antonia Buttiġieg |
| | Mario Buhagiar |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti barra Ms Marie Claire Decelis li kienet skuzata.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 Ġemellaġġ - Il-Kunsill irid jagħmel follow-up ta' l-€1,679,55 li kienu mwegħda mill-Onor. Chris Said li huma spejjeż żejda fuq l-ammont ta' €5,000 li ġejna mgħotija

3.2 GreenPak – Meta tkellimna mal-Green Pak ilmentajna magħhom li kif jiġu bit-trakk biex ibgħattlu l-iskips qiegħed jixxerred xi skart li mhux jinġabar u jitħalla ma' l-art. Dawn l-ilmenti jidher li għadhom ma ġewx ittekiljati.

3.3 Destination Malta – Irridu nistennew sabiex nagħmlu laqgħa magħhom u wara naraw fejn ser jittieħdu l-fimalti.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza:-

4.1 Open day f'Ta' Barkat -Is-Sindku spjega li għandna arranġamenti mal-WSC li meta jkun hemm xi nies interessati li jmorru jżuru l-impjant jgħidulna sabiex nippruvaw inżommu mqar żjara waħda fix-xahar.

4.2 Is-Sindku talab li tibda tintbagħat kopja tal-Minuti ta' l-Steering Committee lil Kunsilliera u jitqassmu mal-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill.

Is-Sindku ssuġġerixxa li dan l-Steering Committee jibda jiltaqa' darba fix-xahar għaliex qiegħed ikollna wisq ilmenti mir-residenti. Il-Kunsill iddeċieda li jibda jistieden xi residenti differenti mix-Xgħajra għal dawn il-laqgħat biex ikunu jistgħu jisimgħu b'widnejhom x'intqal u jgħidu l-ilmenti tagħhom ukoll.

Il-Ħamis għandna laqgħa mal-MEPA fuq l-irwejjah li qed ikollna fix-Xgħajra.

4.3 Ser issir laqgħa wkoll sabiex nitkellmu fuq Triq San Leonardu li bħalissa qiegħdha tiġi mwessgħa. Il-Kunsill qabel li l-ewwel irridu naraw kemm huwa ż-żmien li din it-triq ser iddum magħluqa u naraw minn fejn ser jgħaddu t-trakkijiet li jkunu ġejjin mill-impjant ta'Barkat bl-islug u t-trakkijiet tal-bdiewa. Għal din il-laqgħa ser ikunu preżenti wkoll Transport Malta, il-WSC, il-Wasteserv u l-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol.

4.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-ammont ta' €15,000 ġew mgħoddija lill-Kunsill. Din is-somma hija parti minn l-ammont tax-shortage li kellna fis-sena li għaddiet u li ġew imwegħda lilna mill-Onor. Chris Said.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhar t'April, 2012 ġie approvat.

6. Item Nru 6 fuq l-aġenda: Proġett Recreational/Sports Centre

6.1 Is-Sindku qal li l-proġett issa qiegħed wieqaf u bħalissa qed ikollna problema fejn qegħdin jidħlu xi tfal filgħaxijiet biex jilgħabu bir-roti. Għalhekk importanti li nagħlqu bil-fencing sabiex għalissa ma jidħlux sakemm ikun lest kollu għax jista' jkun hemm xi periklu. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta u ser

tittieħed azzjoni minnufih.

6.2 Is-Sindku qal li l-istimi u l-Bills of Quantities skond it-tender tal-Proġett mhux jaqblu u qegħdin minn taħt. Għalhekk nistennew li jkollna xi aġġornament fuq l-iskemi ta' Fondi li applikajna għalihom biex naraw jekk hux ser jagħtuna xi flus sabiex inkunu nistgħu nkomplu u jekk iva naraw jekk huwiex floku li noħorġu tender oħra għall kumplament tax-xogħol li jrid isir.

6.3 Is-Sindku qal li ser jiltaqgħu il-Perit tal-Kunsill u l-Perit ta' l-MFA, Vigo Micallef rigward il-grawnd tal-5 a-side skond il-permess u biex naraw jekk hemmx metodu sabiex jitkabbar il-grawnd. Din il-laqgħa qed tiġi proposta għas-Sibt 5 ta' Mejju.

Is-Sindku qal li kellu laqgħa rigward l-sponsorship ma' l-Football Club. Il-Kunsill irid jgħin lit-tfal sabiex jitilgħu f'ambejnt aħjar u ma jiġġerrewx barra. Saru kummenti li l-Kunsill irid jieħu ħsieb sabiex anke l-bniet ikollhom fejn jagħmlu attivitajiet sportivi u jkollhom chaning rooms għalihom. Is-Sindku qal li bħala Kunsill huwa d-dover tagħna li nieħdu ħsieb lill kulħadd, għalhekk ser ikollna court tal-Volley Ball u tal-Basketball flimkien ma' changing rooms b'showers ecc. ħdejn u quddiem is-sala tal-complex li qed jinbena. Kulħadd qabel ma dak li qal is-Sindku għaliex l-importanti huwa li jibbenefika kulħadd.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Festa ta' Lapsi u Jum ix-Xgħajra – Is-Sindku qal li għada l-Erbgħa ser ikollna Laqgħa mas-sezzjoni Armar tal-Festi tal-Parroċċa sabiex nibdew nippjanaw din l-attivita' li ssir kull sena fir-raħal tagħna. Din is-sena il-Festa ta' Lapsi ser issir nhar id-19 ta' Mejju u Jum ix-Xgħajra ser jiġi fl-20 ta' Mejju. Dawn l-attivitajiet ser ikunu bi sħubija mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Ministeru tat-Turiżmu fejn ser jiffinanzjaw parti minnha b'ammont ta'€2,500. Is-Sindku ppropona li l-Kunsilliera jagħtu suġġerimenti lil min nistgħu inqabbdu biex ikunu parti mix-show li ser ikollna fid-19 ta' Mejju. Ġie suġġerit wieħed minn Joe Demicoli, id-Dulli jew Freddie Portelli ma' Paul Curmi Dancers u t-trio ta' Willie Saliba (ex Black Sorrows). Dan minbarra Scenic Train u Jumping Castle, għannejja u kantanti oħra.

7.2 Is-Sindku ppropona li bħal kull sena fl-okkazzjoni ta' Jum ix-Xgħajra, l-Kunsill jagħti

xi apprezzament lil residenti li jkunu taw għajnuna lill-Kunsill jew lill-Lokal. Intqal ukoll li bħal kull sena s-Sibt filgħodu jkun hemm Tournament tal-football organizzat mix-Xgħajra Tornadoes. Appuntament annwali għall-Ħadd filgħodu huma l-Fun Run u l-Fun Walk madwar ix-Xgħajra.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

.

8.1 Is-Sindku qal li bħalissa għadu għaddej bil-kuntatti ma' l-Onor. Austin Gatt fuq toroq u bankini li kellhom isiru fil-Kuntratt ta' l-MOU u li għadhom ma sarux. Fosthom hemm Triq Qaċċawiet. L-istruzzjonijiet li ta l-Ministru lis-Sur Jonathan Vella huma li jsir dan ix-xogħol u jagħmlu wkoll ir-rampa ta' mal-Proġett u l-ħajt li kellu jsir bħala holding wall li jiswa madwar €40,000 u jitkompla x-xogħol fit-tarf ta'Dawret ix-Xatt li jikkonsisti f'safety barrier (€7,000) u fejn iżomm l-ilma quddiem waħda mid-djar f'Dawret ix-Xatt li tirrikjedi l-iskarrifying tat-triq u tinbena mill-ġdid bi spiża ta' €10,000,

8.2 Is-Sindlu talab lill-kuntrattur ta' Smart City sabiex jagħtina xi ġebel midħun li jiġi qisu żrar sabiex jintefa' f'dawk il-partijiet ta' madwar il-Greek Theatre/Belveder u dan aċċetta, pero' qalilna sabiex nipprovdu crane biex jinħatt.

8.3 Il-Kunsill qabel li jsir xogħol ta' tabelli u sinjali mal-Koptasin u tiswija tar-road humps li hemm fi Triq Alof de Wignacourt u Triq Dwardu Ellul.

8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li x-xogħol fuq it-toilets ġewwa l-Kunsill waqaf minħabba li l-ħaddiema tagħna ma jistgħux jagħmlu xogħol ta' twaħħil ta' madum mal-ħajt. Minħabba li dan ix-xogħol jidher li ser jaqbeż l-ammont t'ordni diretta kien kostrett li joħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet billi din tidher kemm fil-Gazzetta tal-Ġvern kif ukoll fil-gazzetta l-Independent skond ir-regoli tal-Kunsilli Lokali.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda – Laqgħa Annwali

9.1 Ġie maqbul li l-Laqgħa Annwali ssir nhar l-Erbgħa 23 ta' Mejju fil-librerija fi Triq San Gakbu fis-6.00pm

10. Item Nru 10 fuq l-Aġenda - Affarijiet oħra

XGĦAJRA

10.1 Il-Viċi Sindku qal li għandna ħafna enquiries mir-residenti li fl-area ta' St. Peters u x-Xgħajra, madwar 2,000 familja b'kollox, għandha bżonn li nagħmlu ATM għaliex l-ewwel ATM li ssib hija fiċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar għalhekk hija l-bogħod wisq. Joe Azzopardi ppropona li niktbu lill-banek sabiex jikkunsidraw li jagħmlu ATM f'dawn in-naħat u ser norrfu li natgħuhom sit mingħajr ebda ħlas.

10.2 Is-Sindku qal li rridu nagħmlu complaint ma' l-Arriva u Transport Malta fuq Il-Bus Shelter ta' faċċata tal-Corner Store għaliex huwa fi stat ħażin. Saret diskussjoni fuq is-servizz ta' l-Arriva fix-Xgħajra u kienu dawk l-ilmenti ta' kuljum li l-vjaġġ mix-Xgħajra għal Belt u għal Mater Dei qiegħed jieħu wisq ħin u kultant numru ta' vjaġġi mill-Belt u lura qiegħdin jinqabżu. Dawn l-ilmenti qed jiġu mwassla lid-diriġenti ta' l-Arriva.

10.3 Financial Statements – Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju bit-tibdiliet ta' l-Awdituri. Is-Sindku spjega li fil-2011 kien hemm surplus żgħir. Kien hemm qbil unanimu biex dawn l-accounts jintbgħatu lill-Awtoritajiet ikkonċernati.

11. Item Nru 11 fuq l-Aġenda - Aġġornament

11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2012 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt